MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2012

Numru. 68/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Fortunato Camilleri**

Kumpilazzjoni Numru: 68/2011

Illum 5 ta’ Dicembru, 2012

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Fortunato Camilleri**, ta’ tmienja u erbghin (48) sena, bin Emanuel u Mary neé Buttigieg, imwieled Xaghra, Ghawdex, nhar is-26 ta’ Dicembru 1962, u joqghod No. 28, Triq il-Knisja, Xaghra, Ghawdex, u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 2163G, akkuzat talli nhar it-28 ta’ Mejju 2011, ghal

habta tal-hamsa ta' filghaxija (17.00hrs) gewwa l-Isptar Generali ta' Ghawdex fir-Rabat, Ghawdex;

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Alfred Camilleri (ID No. 49845G) hekk skond kif gie iccertifikat minn Dr. J. Vella MD.;
2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghal-persuna ta' Alfred Camilleri (Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied (Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 20 ta' Dicembru 2011 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 214, 215, 216(1)(b), 222A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikoli 339(1)(d) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi waqt l-udjenza tallum, l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u semghet ukoll lill-parte civile jiddikjara li kien qed jaghzel li ma jixhidx fil-konfront tal-imputat u li kien qed jirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli.

Rat li l-imputat ma xehedx u anqas ressaq ebda provi.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fir-rigward tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet, tillibera lill-imputat, fuq nuqqas ta' provi, u, fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni, tiddikjara l-procediment ezawriet *stante* rinunzja.

Finalment, in segwitu ta' dak dikjarat mill-*parte civile*, fejn irrinunzjat ghal dak li huwa rinunzjabbli, il-Qorti ma tarax raguni valida ghala ghandha tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------